**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joe Grech u Maurice Formosa

*versus*

Awtorità ta' l-Ippjanar

**Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar - Appell Minn - Kwistjoni ta' Dritt Deċiża mill-Bord - Appell - Identità tal-Persuni**

*Ġiet annullata sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar għaliex kien hemm diffikultà dwar l-identità ta' l-appellanti. Hija haga*

*bażilari f'kull proċess u fi kwalunkwe sede kontenzjuża, li l-identità tal-partijiet kontendenti għandha tirriżulta u tkun stabbilita bi kjarezza, sa mill-bidunett tal-proċeduri u tkompli hekk tirriżulta sad-deċiżjoni finali. Fil-każ odjern, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li teżisti tali kjarezza. Anzi ġie kkonstatat li hemm ċerta konfużjoni u inċertezza dwar l-identità tal-partijiet li nterponew appell quddiem il-Bord u dan s'intendi apparti kwistjonijiet oħra relattivi li jistgħu jiġu ssollevati fir-rigward. Kwistjonijiet dawn li jridu jiġu kkjariti, diskussi u deċiżi mill-Bord qabel ma jiġi investit u riżolt il-meritu proprju tal-każ odjern.*

*L-atti ġew għalhekk rimessi lura lill-Bord.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell magħmul mill-Perit Joe Grech, Maurice Formosa, kif ukoll is-soċjetajiet Mortar Investments Ltd. u J.M.A. Co. Ltd., minn deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Mejju, 1997, mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord") liema deċiżjoni ġġib ir-referenzi PAB 564/96 KA u PA 3393/91. Fis-sentenza odjerna sejra tiġi eżaminata u deċiża eċċezzjoni ta' nullità tad-deċiżjoni tal-Bord issollevata mill-erba' appellanti, billi allegatament id-deċiżjoni tal-Bord ma ngħatax fil-konfront tagħhom kollha, iżda ngħatat fir-rigward ta' tnejn minnhom biss;

Jidher li l-Awtorità ta' l-Ippjanar kienet irċeviet fis-27 ta' Jannar, 1993 applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess ta' bini ta' żewġ *bungalows* f'sit fil-Kortin, il-Mellieħa. Il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp ("il-Kummissjoni") kienet ċaħdet dik l-applikazzjoni, b'deċiżjoni ddatata 25 ta' Settembru, 1996, għar-raġunijiet li:

"*1. The site falls in a white area.*

*2. Previous decision by the P.A.P.B. in file P.B. 631/87/A that area marked in green should remain permanently as a landscaped open area*";

Illi din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet indirizzata lil Mr. Joe Grech ta' 59 St. Dominic Street, Valletta, presumibbilment il-persuna li oriġinarjament kienet applikat għall-permess ta' l-iżvilupp fuq is-sit in kwistjoni. Dan il-fatt ta lok għall-verbal redatt fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju, 1998, fejn l-Awtorità ta' l-Ippjanar issottomettiet li r-rifjut ta' l-Awtorità li kien ta oriġini għall-appell quddiem il-Bord:

"... ingħata lill-persuna *li ma kinitx ebda waħda mill-*appellanti odjerni";

Sottomissjoni li tirrifletti l-fatt li hemm diskrepanza bejn il-persuna *li* fil-konfront tagħha l-Kummissjoni ħarġet iċ-ċaħda għall-permess ta' l-iżvilupp oriġinarjament, u bejn il-persuni li nterponew appell ma' l-istess deċiżjoni quddiem il-Bord;

Infatti, l-appell minn din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġie ntavolat quddiem il-Bord mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Ian Zammit, b'ittra ndirizzata lis-Segretarju tal-Bord, li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ottubru, 1996. *Il-Perit Zammit, f'dak l-appell għamel* użu minn *letterhead* li, apparti ismu stess, kienet tinkludi ukoll l-isem tas-soċjetà Mortar Investments Ltd. Fil-korp ta' din l-ittra, il-Perit Zammit ma speċifikax eżattament għan-nom ta' liema persuni kien qiegħed jintavola l-appell in kwistjoni. Il-paragrafu ta' qabel l-aħħar, diskorrendo, jagħmel aċċenn li hemm proprjetarji oħra involuti, iżda dawn mhumiex senjalati b'isimhom:

*"I am requesting that I should be informed of the date and time when this application is to be determined by the Board and*

*that the co-owners or their agents will be given the opportunity to present their case directly during the relative sittings*" (sottolinejar tal-Qorti);

Imbagħad, fl-aħħar ta' l-ittra hemm miktub hekk:

"c.c. *Mr. Maurice Formosa*

c.c. Hon. Charles Buhagiar A. & C.E., M.P.";

Irid jiġi nnotat li ma' din l-ittra/applikazzjoni ta' l-appell, il-Perit Zammit bagħat ukoll is-solita formola ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, li fuqha jiġi ndikat li d-dritt ta' l-appell ikun tħallas;

Infatti, din il-formola (Form D3) hija ntestata *Payment of Appeal against refusal fee*. Fuq din il-formola, fil-parti fejn wieħed jikteb l-isem ta' l-applikant, tniżżlu l-ismijiet ta' erba' *persuni, ċjoè l-ismijiet ta' Joe Grech* u *Maurice Formosa, kif* ukoll l-ismijiet ta' żewġ soċjetajiet ċjoè Mortar Investments Ltd. u J.M.A. Co. Ltd. Ingħataw ukoll erba' indirizzi separati ta' dawn l-erba' persuni;

Is-Segretarju tal-Bord jidher li rċeva din l-ittra, bil-formola msemmija magħha, fit-18 ta' Ottubru, 1996. *Fil-21 ta'* Ottubru, 1996 huwa bagħat erba' ittri separati, li ġew rispettivament indirizzati lil Joe Grech, Maurice Formosa u lil Mortar Investments Ltd. u lil J.M.A. Co. Ltd. Bihom għarraf lil kull wieħed minnhom li:

"*Your appeal has been received at this office*";

Iżda, stranament, fuq kull ittra l-appellanti ġew indikati bħala:

*"Grech Joe & Formosa Maurice"*;

u b'hekk tħallew barra *ż-żewġ* soċjetajiet imsemmija, *li* donnhom ma ġewx ikkunsidrati bħala appellanti mis-Segretarju tal-Bord.

Sussegwentement, dawn *iż-żewġ persuni u dawn iż-żewġ* soċjetajiet baqgħu jiġu nfurmati b'ittri mis-Segretarju tal-Bord b'kull *differiment tas-smigħ* ta' l-appell tal-Bord, iżda kull darba f'dawk l-ittri l-appellanti kienu jiġu ndikati biss bħala li kienu Joe Grech u Maurice Formosa!

Bid-deċiżjoni tat-23 ta' Mejju, 1997 il-Bord ċaħad l-appell u kkonferma r-rifjut tal-permess għall-iżvilupp maħruġ mill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp dana għar-raġunijiet kontenuti *fl-istess deċiżjoni li għall-fini ta' dana l-appell ma* hemmx il-ħtieġa li jiġu elenkati. Għandu jiġi osservat, però, li l-okkju huwa senjalat f'din id-deċiżjoni hekk:

**"Joe Grech u Maurice Formosa**

***versus***

**Il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' *l-Iżvilupp*"**;

L-ewwel aggravju *li* ressqu *l-appellanti odjerni quddiem* dina l-Qorti, fil-konfront ta' l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tat-23 ta' Mejju, 1997 huwa *preċiżament* li l-istess deċiżjoni kienet nulla billi ngħatat biss fil-konfront ta' tnejn biss mill-appellanti, u *ma* ngħatatx fil-konfront ta' l-appellanti kollha, jiġifieri l-imsemmija erba' appellanti;

Dana l-aggravju jinvolvi kwistjoni ta' liġi li ġiet deċiża

mill-Bord u inoltre l-istess aggravju huwa sindakabbli minn din il-Qorti għaliex jinvolvi element proċedurali fondamentali tal-proċess odjern, kif sejjer jiġi spjegat aktar 'il quddiem;

Minn dak li ssemma' sa issa, jidher lampanti li, fl-atti quddiem il-Bord, kien hemm ċerta konfużjoni jew inċertezza dwar l-identità vera u proprja tal-persuni li kienu qegħdin jipproponu appell quddiem il-Bord. Stranament din l-inċertezza fl-atti ma ġietx issollevata fl-udjenzi tal-Bord, la mill-Awtorità appellata u lanqas *ex officio* mill-Bord stess. B'hekk l-istess kwistjoni ma ġietx dibattuta, kjarita u wisq anqas riżolta debitament. Minflok, il-Bord, fl-imsemmija deċiżjoni tiegħu, għażel li jsegwi dak li qabel kien ġie x'aktarx każwalment determinat mis-Segretarju tal-Bord, u bħalu, il-Bord indika li l-appellanti kienu tnejn biss, u ċjoè Joe Grech u Maurice Formosa;

Huwa sintomatiku li d-deċiżjoni tal-Bord ma fiha l-ebda motivazzjoni għaliex ġew magħżula dawn iż-żewġ persuni u għaliex tħallew barra mid-deċiżjoni ż-żewġ soċjetajiet li ssemmew qabel u li ukoll donnhom li kienu jippretendu li kienu appellanti. Naturalment, ir-raġuni ewlenija ta' dak li ġara kienet riżultat tan-nuqqas jew difett proċedurali li kien fiha l-iskrittura li tat bidu għal dan l-appell, ċjoè l-ittra msemmija tal-Perit Zammit ta' l-1 ta' Ottubru, 1996. F'din l-ittra/applikazzjoni ta' appell, il-Perit Zammit naqas li jindika għan-nom ta' liema persuni eżattament kien qiegħed jinterponi l-appell u naqas ukoll li jindika espressament l-ismijiet kif ukoll il-kwalità ta' interess jew utilità ġuridika li kellhom fil-proċeduri l-erba' persuni li ġew indikati fuq il-formola (Form D3) li ssemmiet qabel. Din il-formola, kif jidher ċar mill-istess intestatura tagħha, hija ntiża sempliċement sabiex tiffaċilità u tirreġistra fl-istess ħin il-ħlas tad-dritt ta' appell li jkun sar. Fil-fehma tal-Qorti, din il-formola mhijiex intiża biex jitpoġġew fiha partikolaritajiet essenzjali għall-validità ta' l-appell li ma

jkunux issemmew fl-applikazzjoni li biha jkun ġie ntavolat l-appell;

Hija ħaġa bażilari f'kull proċess u fi kwalunkwe sede kontenzjuża li l-identità tal-partijiet kontendenti għandha tirriżulta u tkun stabbilita bi kjarezza sa mill-bidu nett tal-proċeduri u tkompli hekk *tirriżulta sad-deċiżjoni finali. Fil-każ* odjern, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li teżisti tali kjarezza. Anzi ġie kkostatat li hemm ċerta konfużjoni u inċertezza dwar l-identità tal-partijiet li interponew appell quddiem il-Bord u dan, s'intendi, apparti kwistjonijiet oħra relattivi li jistgħu jiġu ssollevati fir-rigward. Kwistjonijiet dawn li jridu jiġu kkjariti, diskussi u deċiżi mill-Bord qabel ma jiġi investit u riżolt il-meritu proprju *tal-każ* odjern. *Dana billi*, hawn *non si tratta ta'* xi possibbiltà ta' xi sempliċi korrezzjoni fl-atti, ai termini ta' l-*artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili*. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi ma hemmx triq oħra miftuħa għal din il-Qorti ħlief li tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord sabiex din il-kwistjoni tiġi riżolta debitament qabel jew flimkien mal-meritu proprju tal-każ;

*Għal dawn il-motivi:*

Tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti u għalhekk tirrevoka u tannulla l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tat-23 ta' Mejju, 1997 u terġa' tqiegħed lill-kontendenti fl-istess stat li *kienu fih qabel ma ngħatat l-imsemmija deċiżjoni;*

L-atti huma rinvjati lill-Bord għall-kontinwazzjoni tas-smiegħ ta' l-appell skond il-liġi;

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.